**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2019**

Numru 16

**Appell Nru. 4/2019**

**Din l-Art Helwa**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar tal-25 ta' Frar 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Frar 2019 li cahdet l-eccezzjoni tal-Awtorita li ma hemmx dritt ta' appell minn decizjoni tal-Kunsill Ezekuttiv li ma tiskedax sit;

Rat ir-risposta ta' Din L-Art Helwa li ssottomettiet in linea preliminari li l-appell hu inammissibbli ghax ma hemmx dritt ta' appell minn sentenza parzjali. Fil-mertu d-decizjoni tat-Tribunal hi tajba u l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Kif inghad si tratta ta' decizjoni preliminari dwar l-ammissibilita' jew meno tal-appell odjern. L-appellanti kellhom id-dritt li jipproponu dan l-appell jew le.

L-Awtorita' ghamlet riferenza specifika ghal gudikat 20/2018 MC Appell Inferjuri Landscape Properties vs L-Awtorita. It-Tribunal jaghmel riferenza ghas-segwenti brani minn din is-sentenza:
L-Awtorita ma ressqet ebda ilment f'dan ir-rigward f'dan l-appell izda qed targumenta illi r-ragunament tat-Tribunal li waslitu ghad-decizjoni kienet errata fil-ligi. Fil-qosor qed jigi argumentat illi l-artikolu 81 ma jipprovdix ghal xi process pubbliku kemm fliskedar jew fit-tibdil jew tnehhija tieghu u fi kwalunkwe kaz it-Tribunal ma jistax jikkreja processi li ma jirrizultawx mill-ligi ghax ikun qed jagixxi ultra vires il-poteri tieghu u li fis-silenzju tal-ligi trid tigi applikata l-ligi kif inhi u mhux jigi mizjud maghha dak li ma jirrizultax mir-rieda tal-legislatur.

L-artikolu 81(11) jiftah tieqa wiesa ferm biex min ihossu aggravat b'decizjoni ta' skedar jew tibdil jinvoka lawtorita tat-Tribunal biex juza l-poteri kollha tieghu ta' revizjoni biex iqis l-ilmenti kollha u jasal ghal determinazzjoni jekk id-decizjoni tal-Awtorita hiex xierqa u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu f'dan il-hin illi t-Tribunal ghandu d-dritt jesigi li jitressqu quddiemu kull informazjzoni, dokument, prova jew rapport li wassal lil Awtorita tiehu d-decizjoni taghha, liema decizjoni f'kaz ta' skedar jew tnehhija suppost saret fl-interess pubbliku u mhux dak privat. F'dawn ic-cirkostanzi jrid jitqies ukoll illi 'kull min ihossu aggravat' mhux marbut li juri interess personali jew dritt ghax kif l-iskedar jew tibdil isir fl-interess pubbliku hu daqstant applikabbli l-principju li kull oppozizzjoni u lment f'dan l-istadju qed isir ukoll ghax dak li sar mill-Awtorita cioe d-decizjoni taghha qed jigi allegat li ma sarx fl-interess pubbliku fis-sens wiesa teighu fl-ambitu ta' protezzjoni ta' siti jew binjiet.

L-Awtorita' tishaq ghalhekk li l-appell odjern huwa inammissibbli tenut kont ukoll tas-sentenza citata.

L-appellanti ghamlu riferenza ghall-artikolu 57 tal-Kap 552 li minnu, skond l-appellanti, johrog id-dritt ta' dan l-Appell. L-artikolu 57 huwa l-Artikolu (fost ohrajn) li jaghti s-setgha lill-Awtorita' sabiex johrog ordnijiet ta' skedar bhal dak in mertu. Is-subinciz 11 ta' dan l-artikolu 57 jispecifika:
Kull min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv taħt dan l-artikolu jista' jappella lit-Tribunal għar-revoka jew għat-tibdil ta' dik id-deċiżjoni skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

L-artikolu 57 titkellem dwar il-lista li ghandha (tista) telenka l-Awtorita' permezz tal-Kunsill Ezekuttiv sabiex jigu skedati għall-konservazzjoni permezz ta' ordni ta' skedar. Imkien ma tissemma s-sitwazzjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal.

L-Awtorita' tishaq illi gjaladarba ma kien hemm ebda ordni ta' skedar ma jezisti ebda dritt ta' appell. Fil-kuntest specifiku ta' dan l-artikolu it-Tribunal jikkonferma illi

certament ma kienx hemm ordni ta' skedar izda kien hemm, biex nghidu hekk, cahda ta' talba sabiex ikun hemm ordni ta' skedar. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal il-ligi hija cara – titkellem biss dwar ordni ta' skedar. Il-massimu applikabbli huwa ubi lex voluit dixit – ma hemmx id-dritt ta' appell mit-talba maghmula mill-appellanti ghaliex il-ligi ma taghtix dan id-dritt.

Jibqa ghalhekk ezami ta' jekk dan id-dritt jezistix xort'ohra. L-artiklu 11 tal-Kap 551 jistablixxi l-gurisdizzju ta' dan it-Tribunal. Is-subinciz 11 (c):
11. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar lIppjanar tal-Iżvilupp, it-Tribunal għandu jkollu ġurisdizzjoni li:
(ċ) jisma' u jiddeċiedi kull appell magħmul minn kull persuna:
(i) aggravata b'avviż maħruġ skont iddispożizzjonijiet tat-Taqsima IX tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;
(ii) aggravata b'deċiżjoni fir-rigward ta' ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni;
(iii) aggravata b'deċiżjoni fuq talba għal tibdil jew revoka ta' permess.

Waqt li s-subinciz (e) jghid li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni:
(e) jisma' u jiddeċiedi kull appell magħmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet appreżentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit millAwtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp:
(i) minn deċiżjoni fuq applikazzjoni għal permess ta' żvilupp;
(ii) minn deċiżjoni fuq applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar relatata ma' tibdil fl-allinjament;
(iii) minn deċiżjoni fuq ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni.

Is-siltiet highlighted jaghmlu riferenza diretta ghal decizjonijiet fuq ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni.

Id-dicitura fil-kaz tal-Kap 551 hija differenti. Tissemma aggravata b'deċiżjoni fir-rigward ta' ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni. L-accenn hawn huwa differenti.

L-uzu tal-frazi fir-rigward ta' taghti lok ghal interpretazzjoni aktar wiesgha billi hawn si tratta ta' ordni ta' skedar in generali u mhux specifikatament l-ordni ta' skedar. Il-kliem uzat fit-text ingliz huwa in relation to scheduling and conservation orders. Hawn ukoll jidher l-intenzjoni generali ta' riferenza ghas-sistema ta' skedar. It-Tribunal huwa tal-fehma illi ma kienx jaghmel sens illi jinghata dritt ta' appell kif inghad taht il-Kap 551 jekk l-intenzjoni tal-Legislatur kien li jirrepeti dak li hemm fil-Kap 552.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' u jiddikjara li l-appell huwa ammissibbli.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni trid tigi deciza l-ewwel ghax jekk pruvata tistronka d-dritt ta' appell f'dan l-istadju. Bhala fatt jirrizulta illi t-Tribunal iddecieda biss jekk Din l-Art Helwa

kellhiex dritt ta' appell mir-rifjut tal-Kunsill Ezekuttiv li ma jiskedax sit. Il-mertu tal-appell ghadu ma bediex jinstema quddiem it-Tribunal. Kwindi d-decizjoni tat-Tribunal ma taghlaqx definittivament il-vertenza u ghandha titqies bhala sentenza parzjali. Il-Kap. 504 fl-artikolu 41(b) kien jirregola din il-kwistjoni u jghid li appelli minn sentenzi parzjali ma humiex premessi izda jistghu jigu prezentati biss wara s-sentenza finali flimkien ma' appell md-decizjoni finali. Sfortunatament dan l-artikolu mhux rifless fil-Kapitolu 551. L-artikolu 39 jghid li d-decizjonijiet tat-Tribunal huma finali u jista' jsir appell biss fuq punt ta' ligi jew fuq ksur ta' dritt ta' smigh xieraq. L-artikolu 33 hu l-uniku artikolu li jsemmi dritt ta' appell minn decizjoni parzjali fejn jirrigwarda sospensjoni ta' permess sakemm ikun hemm appell pendenti quddiem l-ERPT.

L-artikolu 9(2) jghid li t-Tribunal ghandu jaghti sentenza wahda fuq il-kwistjonijiet kollha tal-appell kemm jekk huma preliminari, sostantivi jew procedurali. L-intenzjoni wara tali regola tohrog mill-istess artikolu fejn jinghad li d-decizjonijiet ghandhom jinghataw kemm jista' jkun malajr. Sfortunatament it-Tribunal ma segwiex din ir-regola u iddecieda l-eccezzjoni preliminari wahedha. Hu minnu li tali decizjoni kieku kienet bil-kontra kienet taqta' l-vertenza kompletament u ghalhekk kien ikun inutili li t-Tribunal jisma l-appell fil-mertu. Izda din ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur izda li jinstema kollox flimkien u tigi deciza l-vertenza b'decizjoni unika. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-Awtorita appellat biex ma tigix rinfaccjata bil-problema li tappella fl-ahhar u jigi eccepit li l-appell fuq din il-kwistjoni preliminari sar fuori termine.

Il-Qorti ghalhekk qajmet il-kwistjoni mal-partijiet li d-decizjoni parzjali tat-Tribunal hi nulla ghax tmur kontra dak li jrid il-legislatur. In-normi procedurali li ghandu jsegwi t-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu segwiti b'reqqa u precizjoni. Is-sitwazzjoni f'dan l-appell hi wahda li biex zgur ikun hemm parita ta' armi bejn il-partijiet il-Qorti ghandha tannulla s-sentenza parzjali tat-Tribunal li nghatat bla ebda jedd fil-ligi u l-appell imur lura quddiem it-Tribunal diversament kompost biex il-process tal-appell quddiem it-Tribunal jerga' jibda mill-gdid u tigi moghtija decizjoni wahda fuq il-kwistjonijiet kollha.

Lanqas jista' jinghad li japplikaw in-normi procedurali tal-Kap. 12 billi fl-artikolu 10(i) hemm stiputat illi l-Prim Ministru jista' jistabilixxi b'regolament ad hoc liema artikoli

tal-Kap. 12 ghandhom japplikaw ghal procedura quddiem it-Tribunal sakemm dawn mhux gia esplicitament imsemmija fl-istess Kap. 551. Ma jidhirx li hemm regolamenti ad hoc maghmula mill-Ministru dwar dan. Il-Qorti  ma tistax pero ma tirrimarkax illi l-mod kif inbidlet il-ligi holqot problemi prattici ghaliex bil-mod kif inhi redatta l-ligi jfisser li t-Tribunal, kieku ried jaghti decizjoni bil-kontra kien xorta jibqa' marbut jisma provi u trattazzjonijiet fuq il-mertu meta seta' waqaf mal-ewwel skoll. Pero mhux dan hu t-test car tal-ligi. Il-Qorti taghmel suggeriment lill-awtoritajiet sabiex itaffu dan il-provvediment tal-ligi billi jinserixxu provvediment li jhallu lit-Tribunal jaghti decizjoni preliminari bi dritt ta' appell biss fejn dik id-decizjoni tkun ghalqet definitivament il-vertenza ghal xi parti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Frar 2019 bhala nulla u bla effett, u tordna li l-appell jerga' jinstema mill-gdid fuq l-aggravji u l-eccezzjonijiet kollha u tinghata decizjoni wahda skont il-ligi. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur